



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2016
COM(2016) 398 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa

{SWD(2016) 200 final}

1. INTRODUZZJONI

Mill-2006, il-Kummissjoni bdiet tieħu azzjoni sabiex tindirizza t-tariffi għoljin tar-roaming imħallsa mill-konsumaturi għall-użu tat-telefowns ċellulari meta jivjaġġaw barra fi Stat Membru tal-UE ieħor. Miżuri regolatorji adottati mill-koleġislaturi fl-2007, fl-2009 u fl-2012 introduċew tariffi massimi vinkolanti tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa.

L-għan aħħari ta' dawn il-miżuri kien sabiex jassigura li l-forzi tas-suq jilhqqu suq uniku għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli fejn ma tkun teżisti ebda differenzazzjoni bejn it-tariffi nazzjonali u tar-roaming; għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet meħtieġa tivverifika jekk il-miżuri laħqux dan l-għan¹. Madankollu, għalkemm it-tariffi bl-imnut u tar-roaming bl-ingrossa naqsu wara l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, baqgħu differenzi bejn it-tariffi tar-roaming u dawk nazzjonali. Għal din ir-raġuni, minħabba li l-eliminazzjoni tad-differenzazzjoni bejn it-tariffi bl-imnut nazzjonali u għar-roaming hija parti importanti minn suq uniku tat-telekomunikazzjoni effettiv u li jiffunzjona, il-Kummissjoni qieset li huwa meħtieġ li jittieħdu aktar miżuri sabiex jintlaħaq dan l-għan.

L-eliminazzjoni tal-ħlas addizzjonali tar-roaming kienet affermata mill-ġdid bħala għan tal-politika ġenerali fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni li tinkludiha bħala element importanti għal ħolqien tal-kundizzjonijiet ix-xierqa għal networks u servizzi diġitali sabiex jiffjorixxu².

Fl-2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120,³ li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2015 u *inter alia*, emenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012⁴ (ir-Regolament dwar ir-Roaming). Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 introduċa t-tneħħija tal-ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni mill-15 ta' Ġunju 2017, soġġett għall-użu ġust tas-servizzi tar-roaming u jippermetti l-possibilità għall-operaturi sabiex japplikaw għal deroga f'każijiet eċċezzjonali fejn fornitur tar-roaming mhuwix kapaċi jirkupra l-ispejjeż magħmula u proġettati ġenerali tal-għoti ta' servizzi tar-roaming regolati mid-dħul magħmul u prjetattat mill-għoti ta' servizzi bħal dawn. Dan ir-reġim regolatorju ġdid għas-servizzi tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni huwa msemmi bħala r-reġim ta' 'roam-like-at-home' (RLAH) f'dan ir-rapport.

Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 ma pprovdix għal miżuri dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa, għaliex kienet meħtieġa investigazzjoni addizzjonali tal-kundizzjonijiet tas-suq.

Sabiex it-tneħħija tal-ħlas addizzjonali għar-roaming bl-imnut tkun sostenibbli madwar l-UE, is-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa fl-UE jeħtieġu li jkunu kompetittivi u jwasslu

¹ Ara b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tal-kliem oriġinali tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, li jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposti xierqa jekk id-differenzi bejn it-tariffi tar-roaming u nazzjonali ma qarrbux iż-żero.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa COM(2015)192 final, 6.5.2015.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet mobbli fi ħdan l-Unjoni.

għal ħlasijiet tar-roaming bl-ingrossa li jippermettu lill-operaturi joffru servizzi tar-roaming bl-imnut b'mod sostenibbli mingħajr ħlasijiet addizzjonali.

Minħabba li suq tar-roaming bl-ingrossa li jiffunzjona sew huwa prekondizzjoni għall-ilħuq tar-reġim tar-RLAH, ir-Regolament dwar ir-Roaming inkariga lill-Kummissjoni bil-kompitu li tirrevedi s-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa u li tagħmel proposti xierqa sabiex tippermetti t-tneħħija tal-ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni mill-15 ta' Ġunju 2017⁵.

Dan ir-rapport jippreżenta r-risultati tar-reviżjoni tar-roaming bl-ingrossa tal-Kummissjoni. Fit-taqsim 2 tar-rapport, il-Kummissjoni tanalizza l-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni skont ir-Regolament attwali. Fit-taqsim 3, tippreżenta l-proposta tagħha dwar kif tippermetti t-tneħħija tal-ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut permezz ta' miżuri fil-livell tal-ingrossa fl-UE mill-15 ta' Ġunju 2017.

Sabiex tiġbor l-evidenza meħtieġa għal din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni:

- f'kooperazzjoni mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), fil-ħarifa tal-2015, għabt dejta komprensiva mill-operaturi⁶;
- ikkummissjonat studju estern sabiex tistma l-ispejjeż tal-ġoti tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa⁷;
- organizzat konsultazzjoni pubblika ta' 12-il ġimgħa mis-26 ta' Novembru 2015 sat-18 ta' Frar 2016⁸.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva sabiex jiġi emendat ir-Regolament dwar ir-Roaming. Id-dettalji u r-raġunament sottostanti ta' din il-proposta jinsabu fil-proposta legiżlattiva⁹ u l-valutazzjoni tal-impatt assoċjata¹⁰. Il-metodoloġija dettaljata u r-risultati tal-analiżi tal-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa f'appoġġ għal dan ir-rapport jinsabu fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah (SWD)¹¹

2. FUNZJONAMENT TAS-SWIEQ TAR-ROAMING BL-INGROSSA FL-UE

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar ir-Roaming, il-Kummissjoni vvalutat dan li ġej¹²:

⁵ Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar ir-Roaming.

⁶ Id-dejta miġbura ġiet analizzata f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, *Assessment of the cost of providing wholesale roaming services in the EEA*, Rapport finali, studju mwettaq minn TERA Consultants, li għandu jiġi ppubblikat.

⁸ Sommarju u r-rapport tas-sinopsi sħiħa tar-risultati tal-konsultazzjoni pubblika huma disponibbli hawnhekk: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/summary-report-public-consultation-review-national-wholesale-roaming-markets-fair-use-policy>. Minbarra l-mistoqsijiet dwar ir-reviżjoni tar-roaming bl-ingrossa, il-konsultazzjoni pubblika inkludiet żewġ settijiet ta' mistoqsijiet dwar il-politika tal-użu ġust u l-mekkaniżmu ta' sostenibbiltà previsti fir-Regolament. Ir-Regolament dwar ir-Roaming jagħti poteri ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni dwar dawn iż-żewġ suġġetti.

⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward ta' regoli għal swieq tar-roaming bl-ingrossa

¹⁰ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward ta' regoli għal swieq tar-roaming bl-ingrossa

¹¹ Dokument tal-Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa

¹² L-elementi l-oħra għar-rieżami stabbiliti fl-Artikolu 19 tar-Regolament dwar ir-Roaming tqiesu mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-aktar miżuri regolatorji xierqa (ara t-taqsim 3 hawn taħt u, għal aktar dettalji, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanjah).

- l-iżviluppi fil-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut;
- l-ispejjeż tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa fl-UE;
- il-grad ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa.

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-impatt antiċipat tal-obbligu tar-RLAH bl-imnut fuq il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa.

2.1. Żviluppi ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut

L-analiżi tal-BEREC¹³ turi li dan l-aħħar, kien hemm xi żviluppi importanti fuq is-swieq tar-roaming bl-imnut, fejn l-offerti domestiċi jipproponu prezzijiet tar-roaming aktar affordabbli għall-konsumaturi. Madankollu, kif innotat mill-BEREC, ħafna mill-offerti, bħar-RLAH, tar-roaming bl-imnut ġodda mhumieq offerti tar-RLAH veri fis-sens tar-Regolament dwar ir-Roaming, jiġifieri jkopru l-Unjoni kollha mingħajr ebda ħlas addizzjonali żejjed (l-ebda żieda) fi ħdan limiti tal-użu ġust. Barra minn hekk, dawn l-iżviluppi mhumieq imqassmin b'mod uguali madwar l-Istati Membri.

Fil-livelli attwali ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa, is-swieq bl-imnut ma kinux kapaċi jwasslu RLAH komplut madwar l-Unjoni. Żviluppi teknoloġiċi u ta' servizz potenzjali bħall-firxa ta' servizzi over-the-top u SIMs inkorporati ma jikkostitwixxux sostitut sħiħ u operazzjonali għas-servizzi tar-roaming bl-imnut s'issa¹⁴. Għaldaqstant, il-perssoni tas-suq attwali tagħhom għadha limitata, u din ma tidhirx li ser tinbidel fil-futur qarib.

2.2. Valutazzjoni tal-ispejjeż tal-għoti tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa

Il-valutazzjoni tal-ispejjeż tal-għoti tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa hija komputu delikat u kumpless. Mhemmx metodu uniku sabiex janalizza u jivvaluta dawn l-ispejjeż u kull metodu jimplika sett kbir ta' għażliet u assunzjonijiet kemm bil-merti kif ukoll bil-limitazzjonijiet. Fis-snin riċenti, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji (ARN) kisbu esperjenza soda fl-immudellar tal-ispejjeż bil-għan li jirregolaw ir-rati ta' terminazzjoni waqt li qiesu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/396/KE dwar it-trattament regolatorju ta' rati ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari fl-UE¹⁵. L-istudju estern bena fuq din l-esperjenza u żviluppa mudell tal-ispejjeż li kemm jista' jkun iqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiżi¹⁶. Għal dak il-għan, l-ARN ipprovdew lill-kuntrattur b'informazzjoni dettaljata fuq il-mudelli tal-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dejta ta' input tal-pajjiż. Barra minn hekk, l-istudju uża dejta minn operaturi dwar l-ispejjeż li huma speċifiċi għas-servizz tar-roaming, bħal spejjeż tar-roaming operazzjonali u ta' ġestjoni, spejjeż tar-roaming finanzjarji u tal-approvazzjoni tad-dejta, spejjeż tar-roaming ta' negozjar u ġestjoni tal-kuntratt.

Filwaqt li huwa neċessarju li jibqa' ċerta grad ta' inċertezza dwar l-istimi tal-ispejjeż pprovduti mill-mudell tal-ispejjeż, dawn jipprovdu punt ta' riferiment utli, li jista' jintuża flimkien ma' sorsi oħra ta' dejta u osservazzjonijiet, b'mod partikolari: tariffi tar-roaming bl-ingrossa effettivi osservati fis-suq, prezzijiet domestiċi bl-imnut u bl-ingrossa, u għal telefonati, rati ta' terminazzjoni ta' sejħiet bil-mowbajl nazzjonali rregolati (MTRs).

¹³ Ir-Rapport tal-BEREC dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa, BoR (16)33, Frar 2016, it-taqsim 2.3.

¹⁴ Ara t-taqsim 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, ta' akkumpanjament.

¹⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7.5.2009 dwar it-Trattament Regolatorju tar-Rati ta' Terminazzjoni ta' Telefonati Fissi u Ċellulari fl-UE C(2009)3359 finali

¹⁶ Ara t-taqsim 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, ta' akkumpanjament.

Abbażi ta' dawn is-sorsi ta' dejta differenti, l-ispiża tal-għoti ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) tista' b'mod kunfidenti tiġi assunta li hija taħt l-4 Ċenteżmi/minuta¹⁷, 1 Ċenteżmu/SMS u 0.85 Ċenteżmu/MB, inkluż spejjeż ta' tranżitu mġarrba mill-operatur miżjur.

Dwar il-kwistjoni speċifika tal-impatt tal-istaġjonalità fuq l-ispiża tal-għoti tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa, għadd ta' Stati Membri saħqu b'mod espliċitu, f'dikjarazzjoni politika konġunta li saret meta r-Regolament (UE) Nru 2120/2015 ġie adottat, il-ħtieġa li "jitqies l-impatt tal-istaġjonalità fuq l-istruttura tal-ispiża tal-fornituri tas-servizz li joperaw fiż-żoni tat-turisti"¹⁸. L-impatt tal-istaġjonalità tar-roaming kien analizzat bir-reqqa fl-istudju bl-użu tal-aħjar dejta disponibbli sabiex jiġi kwantifikat¹⁹.

Minħabba żieda kbira ħafna fid-domanda domestika għas-servizzi tad-dejta, il-ħtiġijiet tan-netwerks sabiex jappoġġaw utenti domestiċi għandhom it-tendenza li jaqbu l-massimu staġjonali tas-sajf ftit xhur biss wara dak il-massimu, u fi kwalunkwe każ qabel ma jerġa' jseħħ fis-sena ta' wara. Għaldaqstant, peress li n-netwerks diġà qed ikunu dimensjonati u estiżi sabiex ilaħħqu ma' din ix-xejra l fuq ġenerali, kwalunkwe domanda massima minħabba l-flussi tar-roaming staġjonali ma jidherx li tipprovoka xi żieda ġeneralizzata fl-ispejjeż tan-netwerk minħabba r-roaming tad-dejta taħt il-kundizzjonijiet tar-RLAH.

Filwaqt li spejjeż relatati mal-istaġjonalità mhumix negliġibbli għal servizzi ta' telefonati f'xi pajjiżi²⁰, l-impatt effettiv tal-istaġjonalità fuq l-istima tal-limiti ta' fuq tal-ispejjeż tar-roaming bl-ingrossa fiż-ŻEE jibqa' wieħed żgħir. Dan għaliex pajjiżi fejn l-effetti tal-istaġjonalità huma vvalutati bħala l-ogħla (il-Kroazja, il-Greċja, Spanja, il-Bulgarija) mhumix fost il-pajjiżi bl-ogħla spiża għas-servizzi tal-oriġini tat-telefonati (Malta, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Latvja). L-effetti staġjonali mkejla fil-pajjiżi tal-ispiża ogħla għat-telefonati huma iżgħar.

2.3. Grad ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa fiż-ŻEE

Is-swieq tar-roaming bl-ingrossa juru għadd ta' fallimenti tas-suq li kienu deskritti fil-passat²¹. Is-swieq tar-roaming bl-ingrossa għandhom karatteristika oligopolistika: sabiex jipprovdi servizzi tar-roaming lill-konsumaturi tagħhom, operatur jista' jixtri servizzi tar-roaming bl-ingrossa minn tlieta sa erba' operatori biss f'pajjiż speċifiku, u wħud minn dawn l-

¹⁷ L-istima tal-ispiża għat-telefonati fornuta mill-mudell tal-ispiża hija ftit ogħla minn 4 Ċenteżmi/minuta f'Malta. Madankollu, din l-istima ma taqbilx mat-tariffa tar-roaming bl-ingrossa medja għal traffiku mhux bilanċjat rrapportata fl-2015 mill-operaturi ta' dan il-pajjiż (3.7 Ċenteżmi/minuta).

¹⁸ "Kif ukoll is-sitwazzjonijiet kollha fejn hemm żbilanċi tat-traffiku sinifikanti relatati ma' kwistjonijiet ta' staġjonalità jew li jirriżultaw minn xejriet ta' vjaġġar differenti madwar l-Istati Membri, li x'aktarx ser tiġi aċċentwata miż-żieda qawwija mistennija fid-domanda riżultat tal-eliminazzjoni tal-ħlas addizzjonali"; ara Dok 12279/15 tad-29 ta' Settembru 2015.

¹⁹ Dejta ta' tliet xhur dwar it-traffiku tar-roaming mill-BEREC, dejta fornuta minn għadd ta' ARNs u operatori, dejta ta' kull xahar dwar il-jieli mqattgħin minn non-residenti skont il-pajjiż minn Eurostat.

²⁰ L-eżerċizzju ta' stima teoretika huwa partikolarment diffiċli minħabba l-impatt lokalizzat ta' domandi massimi staġjonali (u b'mod simili l-impatt lokalizzat ta' effetti ta' kontrobalanċ), tekniki ta' tnaqqis għal konġestjoni possibbli u granularità limitata (fil-ġeografija u fiż-żmien) ta' dejta disponibbli. L-ispejjeż potenzjalment żejda għal massimi staġjonali għal xi pajjiżi huma mifruxa fuq l-utenti kollha (domestiċi u roamers) minħabba spostament staġjonali sinifikanti fil-pajjiż lejn żoni turistiċi u minħabba l-effett ta' kumpens ta' roamers fuq l-użu tal-kapaċità f'żoni metropolitani waqt l-istaġun tal-vaganzi tas-sajf.

²¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-Impatt dwar għażliet ta' politika fir-rigward tar-rieżami tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tar-Regolament (KE) Nru 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità, COM(2011)407 finali, SEC(2011)871 finali)

operatori jistgħu jkunu diffiċli sabiex jiġu evitati għal kopertura tan-netwerk u għal raġunijiet ta' kapaċità. L-operatori għandhom sostituzzjonijiet imperfetti fil-livell tal-ingrossa wkoll, sitwazzjoni li diġà ġiet analizzat f'rapport preċedenti ordnat mill-Kummissjoni²². Il-ftehimiet għar-roaming bl-ingrossa ġeneralment huma xprunati mill-ammont ta' traffiku li l-operatur viżitatur huwa kapaċi joffri waqt negozjati bilaterali. L-ixprunatur tan-negozjar ewlieni fil-ftehimiet bilaterali tar-roaming huwa l-ammont ta' traffiku 'l ġewwa u 'l barra li jista' jkun ibbilanċjat bejn kull par ta' operatori, minflok il-prezz finali maqbul għall-parti mhux bilanċjata. Operatori ta' netwerk mobbli virtwali (MVNOs) u operatori iżgħar b'volumi baxxi ta' traffiku ġeneralment ma jiksbox skonti jew skonti limitati biss mit-tariffa tar-roaming bl-ingrossa massima prevista fir-Regolament dwar ir-Roaming.

Sabiex jitnaqqsu t-tariffi eċċessivi tar-roaming bl-ingrossa li jirriżultaw minn dan is-suq li mhuwiex kompetittiv għal kollox, dawn it-tariffi ġew limitati minn regolamenti suċċessivi tal-Unjoni. Bħalissa dawn il-limiti huma stabbiliti għal 5 €/min, 2 €/SMS u 5 €/MB mir-Regolament dwar ir-Roaming. Il-grad effettiv ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa kif inhuma rregolati bħalissa ġie vvalutat waqt din ir-reviżjoni²³.

Evoluzzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa mill-2007

L-evoluzzjoni tat-tariffi bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming għat-telefonati u l-SMS ġiet allinjata mill-qrib ħafna mal-limiti tat-tariffi bl-ingrossa li suċċessivament qed jonqsu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni sa mill-2007²⁴. Fil-każ ta' tariffi tar-roaming bl-ingrossa għad-dejta, il-prezzijiet tas-suq kienu sostanzjalment aktar baxxi mil-limiti suċċessivi matul il-perjodu tal-2009-2015 (l-ewwel limitu tat-tariffa tad-dejta tar-roaming bl-ingrossa kien applikabbli fl-2009).

Flussi tat-traffiku tar-roaming fiż-ŻEE

Ix-xejriet osservati ta' traffiku tar-roaming tat-telefonati bejn il-pajjiżi taż-ŻEE sa ċerta punt jirriflettet rabtiet storiċi, lingwistiċi, kulturali u ekonomiċi bejn il-pajjiżi²⁵. Il-proporzjonijiet tat-traffiku tar-roaming li 'l ġewwa/'l barra għat-tliet servizzi mobbli (telefonati, SMS, dejta) għandhom it-tendenza li jikkonfermaw diviżjoni bejn it-Tramuntana/in-Nofsinhar fl-Ewropa bejn il-postijiet tan-Nofsinhar b'turiżmu għoli u l-postijiet tat-Tramuntana b'turiżmu baxx. Madankollu, din id-diviżjoni mhijiex sistematika. Ċipru, il-Greċja, Malta u Spanja jispikkaw bħala riċevituri netti prominenti ħafna ta' traffiku tar-roaming għat-tliet servizzi kollha, filwaqt li l-Irlanda, in-Netherlands, in-Norveġja, is-Slovakkja u r-Renju Unit huma emittenti netti kbar. Xi pajjiżi, bħal Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Iżvezja, għandhom sitwazzjoni aktar bilanċjata.

Funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa

Fil-konsultazzjoni pubblika, il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew ferm li kwalunkwe dinamika kompetittiva fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa fl-UE hija essenzjalment marbuta ma' limiti tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa eżistenti tal-Unjoni, li jipprovdu punt ta' tluq għal negozjati tal-prezz fi ftehimiet bilaterali tar-roaming. Mingħajr regolazzjoni fil-livell tal-

²² WIK-Consult (2010), Study on the Options for addressing Competition Problems in the EU Roaming Market, SMART 2010/018, Diċembru, p. 20-23.

²³ Ara t-taqsima 6 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, ta' akkumpanjament.

²⁴ *Rapport dwar il-Punti ta' Riferiment tad-Dejta tal-BEREC dwar ir-roaming internazzjonali*, April - Settembru 2015, BoR(16)28, Frar 2016.

²⁵ Ir-Rapport tal-BEREC dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa, BoR (16)33, Frar 2016, it-taqsima 2.4.

Unjoni, it-tariffi tar-roaming bl-ingrossa ikunu ogħla milli huma, kif inhu evidenti minn tariffi tar-roaming bl-ingrossa mhux regolati applikati fl-Unjoni qabel il-miżuri li jirregolaw kienu ppromulgati u barra l-Unjoni bħalissa. Minħabba l-fallimenti tas-suq deskritti hawn fuq, is-suq tar-roaming bl-ingrossa xorta juri problemi strutturali jekk titneħħa r-regolazzjoni.

Fir-rigward tar-regolazzjoni fil-livell tal-Unjoni, ir-rieżami juri li, filwaqt li s-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa juru ċerta grad ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha²⁶, f'ċerti swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa l-prezzijiet osservati huma sostanzjalment ogħla mill-ispejjeż stmati. Il-parti mhux bilanċjata biss tat-traffiku tar-roaming tesperjenza xi kompetizzjoni fil-prezz (prezzijiet għall-parti bilanċjata ġeneralment jibqgħu qrib il-livell tal-limitu). Madankollu, dawk il-prezzijiet ġeneralment huma ogħla sew minn prezzijiet domestiċi bl-ingrossa (fejn dawn huma magħrufa) minn ammont li ma jistax jiġi ġġustifikat minn spejjeż speċifiċi għar-roaming. Operaturi ta' gruppi b'impatt f'diversi pajjiżi jistgħu jmessu t-traffiku fi ħdan in-netwerks tagħhom u jinternalizzaw l-ispejjeż tar-roaming bl-ingrossa. Dawn jinnegozjaw ukoll it-tariffi tar-roaming bl-ingrossa ma' operaturi fil-livell tal-grupp, sabiex il-membri ta' dak il-grupp jiksibu termini u prezzijiet aktar attraenti mill-impenji tal-volum ogħla tal-grupp. B'kuntrast, għadd ta' parteċipanti tas-suq, b'mod partikolari operaturi iżgħar b'volumi iżgħar tat-traffiku u l-MVNOs, ġeneralment ma jibbenefikawx minn tariffi tar-roaming bl-ingrossa sostanzjalment inqas mil-limiti.

B'mod ġenerali, l-operaturi fejn it-traffiku tar-roaming 'il barra tagħhom jaqbeż (sewwa) it-traffiku tar-roaming 'il ġewwa, ifittxu li jnaqqsu t-tariffi bl-ingrossa li għandhom jitħallsu lin-netwerks miżjura għall-ġhoti ta' servizzi tar-roaming bl-imnut lill-abbonati tagħhom. Għaldaqstant huma jiffavorixxu tariffi tar-roaming bl-ingrossa baxxi. B'kuntrast, l-operaturi fejn it-traffiku tar-roaming 'il ġewwa tagħhom jaqbeż (sewwa) it-traffiku tar-roaming 'il barra, ifittxu li jimmassimizzaw id-dħul tagħhom mill-ġhoti ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa. Għaldaqstant huma jiffavorixxu tariffi tar-roaming ogħla.

Skont il-pożizzjonijiet rispettivi u s-saħħa tan-negozjar tagħhom f'negozjati bilaterali tar-roaming bl-ingrossa, l-operaturi esprimew perċezzjonijiet differenti tal-funzjonament effettiv tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa fil-konsultazzjoni pubblika²⁷.

Ċerti operaturi preeżistenti storiċi, u operaturi b'impronta kbira u operaturi ġeneralment bi traffiku kbir tar-roaming 'il ġewwa jargumentaw li s-swieq tar-roaming bl-ingrossa huma kompetittivi abbażi li t-tariffi tas-suq bl-ingrossa ta' sikwit huma taħt il-limiti regolatorji attwali.

Operaturi oħrajn, b'mod partikolari dawk li huma iżgħar, MVNOs, u operaturi bi traffiku tar-roaming 'il barra kbir, jargumentaw li l-prezzijiet disponibbli għalihom fis-suq bl-ingrossa huma qrib jew fil-limiti attwali, iżda fi kwalunkwe każ ogħla b'mod sostanzjali mill-ispejjeż u għoljin wisq għal mudelli ta' tariffar domestiċi rispettivi tagħhom sabiex ikunu sostenibbli ladarba l-ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut jitneħħa f'Ġunju 2017.

L-MVNOs jargumentaw ukoll li tariffi bl-ingrossa li jridu jħallsu għar-roaming huma multipli ta' tariffi bl-ingrossa li huma jħallsu domestikament lill-operaturi tan-network mobbli ospitanti tagħhom, u dan juri li anke jekk l-operaturi tan-network mobbli jikkompetu sabiex

²⁶ B'mod partikolari, il-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa għal traffiku mhux bilanċjat kienu taħt il-limiti fis-snin riċenti, għalkemm xorta sinifikament ogħla mill-ispejjeż stmati tal-produzzjoni tal-operaturi.

²⁷ Il-konsultazzjoni pubblika nfetħet mis-26 ta' Novembru 2015 sat-18 ta' Frar 2016 fuq il-paġna li ġejja: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/news/public-consultation-review-national-wholesale-roaming-markets-fair-use-policy-and>.

joffru servizzi domestiċi bl-ingrossa lill-MVNOs, apparentament huma ma jikkompetux b'mod attiv sabiex joffrullhom servizzi bl-ingrossa għar-roaming.

2.4. Impatt antiċipat tal-obbligu RLAH bl-imnut fuq il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa

L-obbligu RLAH bl-imnut jista' jaffettwa l-funzjonament tas-suq tar-roaming bl-ingrossa b'modi differenti. Żieda mibdija minn RLAH fit-traffiku tar-roaming tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa minħabba l-ekonomiji ta' skala. B'kuntrast, l-obbligu fuq l-operatur nazzjonali li jipprovdi RLAH lill-konsumaturi tiegħu jista' jaggrava d-differenzi strutturali u l-iżbilanċi fil-pożizzjonijiet ta' negozjar relattiv tal-parteciċpanti tas-suq fin-negozjati bilaterali tar-roaming. Dan ser isaħħaħ aktar il-pożizzjoni ta' negozjar ta' riċevituri netti ta' traffiku tar-roaming u jdgħajjed dak tal-ispedituri.

Barra minn hekk, taħt ir-RLAH, l-operatur miżjur jista' jipprova jirkupra parti mid-dħul mitluf fil-fergħa tar-roaming bl-imnut tiegħu (bħala operatur domestiku) permezz ta' tariffi tar-roaming bl-ingrossa ogħla. Fi kliem ieħor, ir-riskju potenzjali ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-inċentivi tal-investment fi swieq bl-ingrossa domestiċi u miżjura li jirriżultaw mill-introduzzjoni tar-RLAH ser jiddependi b'mod qawwi fuq kif is-suq bl-ingrossa ser jaħdem meta r-RLAH ikun applikabbli.

3. IL-PROPOSTA SABIEX TINDIRIZZA L-KWISTJONIJIET IDENTIFIKATI FIS-SUQ TAR-ROAMING BL-INGROSSA

3.1. L-ostakli li baqa' għall-funzjonament tar-RLAH

Bl-istabbiliment tal-obbligu għall-ħlas ta' servizzi tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi (daqshekk ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut) soġġett għall-politika tal-użu ġust ta' dawn is-servizzi, ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 introduċa s-sustanza ta' reġim ġdid bl-imnut għal servizzi ta' roaming regolati. Dan huwa r-reġim tar-RLAH, li s'issa bilkemm ġie offrut madwar l-Unjoni taħt il-kundizzjonijiet attwali tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa.

Tabilħaqq, filwaqt li l-ipprezzar bl-imnut ta' servizzi tar-roaming u domestiċi huwa allinjat permezz ta' regolazzjoni, l-għoti ta' servizzi tar-roaming bl-imnut ma jużax l-istess dħul bl-ingrossa bħas-servizzi domestiċi bl-imnut. Dan għaliex, skont id-definizzjoni, l-għoti ta' servizzi tar-roaming bl-imnut jeħtieġ l-użu ta' netwerk differenti (miżjur). Għaldaqstant dan id-dħul tar-roaming bl-ingrossa jeħtieġ li jinx tara fis-suq mill-operatur viżitatur, inkluż għadd ta' spejjeż speċifiċi għar-roaming (jiġifieri mhux imġarrba bl-għoti ta' servizzi domestiċi).

Sabiex jiġi assigurat li s-servizzi tar-roaming bl-imnut jistgħu jkunu fornuti bi prezzijiet domestiċi bl-imnut, huwa meħtieġ għad-dħul tar-roaming bl-ingrossa li jkun disponibbli bi prezz li jagħmel il-forniment tar-RLAH ġeneralment possibbli għall-operaturi viżitaturi (domestiċi) filwaqt li jiżgura li l-operaturi miżjura jistgħu jirkupraw l-ispejjeż tal-forniment ta' dawn is-servizzi.

Swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa kompetittvi b'mod sħiħ, li jagħmlu l-prezzijiet direttament marbutin mal-ispejjeż marġinali ta' networks miżjura, ser jiffaċiltaw b'mod ċar is-sostenibbiltà tar-RLAH. Madankollu, l-analiżi turi li s-swieq tar-roaming bl-ingrossa mhux dejjem jiffunzjonaw b'dan il-mod u li l-obbligu tar-RLAH fil-futur huwa minnu nnifsu improbabbli ħafna li jwassal għal swieq tar-roaming bl-ingrossa li jiffunzjonaw tajjeb li jippermettu l-għoti tar-RLAH fl-Unjoni sal-15 ta' Ġunju 2017.

Fid-dawl tal-problemi miġbura f'sommarju f'dan ir-rapport, hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali sabiex jiġu rregolati s-swieq tar-roaming bl-ingrossa sabiex jippermettu l-forniment tar-RLAH b'mod sostenibbli.

Approċċ mifrux mal-Unjoni kollha ser jevita aktar sitwazzjoni fejn l-Istati Membri individwali jieħdu approċċi diverġenti sabiex jindirizzaw il-problema ta' tariffi bl-ingrossa għoljin. Sitwazzjoni bħal din toħloq ostakli għas-suq intern minħabba li l-fornituri tas-servizzi tar-roaming ser ikunu trattati differenti fpajjiżhom (bħala operatur tan-netwerk miżjur) u fil-pajjiż fejn ikunu qegħdin joffru servizzi tar-roaming bl-imnut (bħala operatur tan-netwerk viżitatur).

Tabilħaqq, fil-kuntest tar-RLAH, in-nuqqas ta' approċċi regolatorji konsistenti bejn is-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa jista' fil-fatt joħloq distorsjonijiet distributtivi mhux relatati mal-ispejjeż fost l-operaturi u fl-aħħar fost il-konsumaturi. Ir-raġuni għal dan huma l-interessi doppji li ġejjin fil-livell tal-ingrossa:

- min-naħa waħda, in-netwerks miżjura jeħtieġu jkopru l-ispejjeż tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa u b'mod xieraq jinvestu fin-netwerks tagħhom sabiex jakkomodaw it-traffiku tar-roaming;
- min-naħa l-oħra, l-operaturi viżitaturi, li jistgħu ma jkoprux aktar l-ispejjeż tagħhom tal-ġhoti ta' servizzi tar-roaming bl-imnut permezz ta' tariffi tar-roaming bl-imnut rregolati taħt ir-RLAH, jeħtieġu jevitaw pressjoni fuq il-marġini.

Ir-riskju ta' pressjoni fuq il-marġini jista' potenzjalment jirriżulta fi prezzijiet oġhla fuq is-swieq domestiċi (effett waterbed) u/jew ir-rifjut tal-ġhoti ta' servizzi tar-roaming bl-imnut, għallinqas għal ċerta konsumaturi bl-imnut.

Għaldaqstant hija meħtieġa aktar regolazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex twassal tariffi tar-roaming bl-ingrossa aktar baxxi minn dawk fis-seħħ u eqreb għall-ispejjeż sottostanti. Dan ser jippermetti r-RLAH fl-2017 waqt li jżomm is-sostenibbiltà tal-mudelli tat-tariffi domestiċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li takkumpanja dan ir-rapport ta' rieżami.

3.2. Fehmiet tal-partijiet ikkonċernati

Kważi l-operaturi kollha li rrispondew għall-konsultazzjoni pubblika²⁸ jaqblu li l-istabbiliment ta' limiti tal-prezzijiet fil-livell tal-Unjoni, applikabbli fl-Istati Membri kollha, huwa l-aktar approċċ xieraq sabiex titkompla r-regolazzjoni tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa fil-kuntest tar-RLAH²⁹.

L-operaturi huma, madankollu, maqsumin fir-rigward tal-livell ta' dawn il-limiti li jippermettu RLAH sostenibbli. 28 % biss tal-operaturi li rrispondew (ċerti operaturi preeżistenti storiċi, u operaturi b'impronta kbira u operaturi ġeneralment bi traffiku tar-roaming 'il gēwwa kbir) huma tal-fehma li, taħt ir-regoli attwali, il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa ser iwassal ir-RLAH fl-2017. B'kuntrast, 53 % (operaturi iżgħar, MVNOs, u operaturi bi traffiku tar-roaming 'il barra kbir) iqisu li dan mhux ser iwassal għar-RLAH fl-2017. Il-proporzjon ta' operaturi li ma jafux (18 %) huwa wieħed sinifikanti, filwaqt li operatur wieħed biss jaħseb li jiddependi mill-Istat Membru.

²⁸ Għal analiżi dettaljata tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, ara l-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha.

²⁹ 4 minn 40 operatur mobbli wiegħu għall-konsultazzjoni (inkluż tnejn li rrispondew mill-istess kumpanija) argumentaw li t-tneħħija tar-regolazzjoni bl-ingrossa ser tkun l-aħjar approċċ.

L-operaturi mobbli huma maqsuma fuq l-istess linji dwar jekk l-obbligu tar-RLAH hux ser iżid jew inaqas il-kompetizzjoni fuq is-suq tar-roaming bl-ingrossa³⁰. L-operaturi li qed jiddefendu l-limiti attwali jargumentaw li dan l-obbligu ser iżid il-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa. B'kuntrast, l-operaturi li qed jiddefendu limiti aktar baxxi jargumentaw l-oppożizzjoni.

Fir-rigward tal-aktar miżura regolatorja xierqa fil-livell tal-ingrossa sabiex tippermetti r-RLAH fl-2017, 28 % tal-operaturi li rrispondew konsegwentement jiffavorixxu ż-żamma tal-limiti attwali mingħajr ma jinbidlu jew it-tneħħija ta' kwalunkwe regolazzjoni bl-ingrossa, kontra 58 % li jabsbu li l-limiti tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa għandhom jitbaxxew.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-gvernijiet esprimew fehmiet simili għal dawk tal-operaturi f'pajjiżhom. Il-pajjiżi b'roaming 'il ġewwa kbir iqisu li s-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa jiffunzjonaw tajjeb, filwaqt li pajjiżi b'roaming 'il barra kbir għandhom il-fehma opposta. Finalment, il-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi huma kawti meta jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-swieq tar-roaming bl-ingrossa minħabba li mhumx direttament involuti f'dawn is-swieq.

3.3. Il-proposta leġiżlattiva

Perspettiva tas-suq domestiku

Distorsjonijiet li jaffettwaw il-kompetizzjoni u l-investimenti fis-swieq domestiċi tal-operatur domestiku jiddependu l-aktar fuq ir-riskju ta' pressjoni fuq il-marġini minħabba tariffi tar-roaming bl-ingrossa għoljin meta mqabbla ma' prezzijiet domestiċi bl-imnut li jistgħu jkunu applikati għall-utent aħħari, b'mod partikolari għal operaturi iżgħar/bi traffiku 'l barra nett. Simulazzjonijiet fil-livell tal-pajjiż u fil-livell tal-operatur³¹ juru li jekk il-limiti tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa fl-2017 jinżammu fil-livell attwali, ir-RLAH wisq probabbli ma jkunx rikoniċiljabbli ma' mudelli tat-tariffi domestiċi. Dan ser jimmina s-sostenibilità tal-mudelli tat-tariffi domestiċi għal mill-inqas 20 % tal-operaturi fil-kampjun analizzat u/jew f'mill-inqas sitt Stat Membri. Dan mhuwiex konformi mal-għan tar-Regolament dwar ir-Roaming li jippermetti r-RLAH fl-Unjoni. Lanqas ma huwa kompatibbli mal-karattru eċċezzjonali tal-possibbiltà tad-deroga ta' sostenibilità, li tassumi li l-mudell tat-tariffi domestiċi huwa sostenibbli taħt ir-RLAH għal kull jew virtwalment għal operaturi kollha fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-konsumaturi tagħhom.

Barra minn hekk, l-opportunitajiet tad-dħul tar-roaming bl-ingrossa huma mistennija li jiżiedu b'mod konsiderevoli maż-żieda fil-volumi tar-roaming fil-kuntest tar-RLAH u t-tnaqqis korollarju fl-ispejjeż sottostanti tal-unità tar-roaming bl-ingrossa. Dan x'aktarx ser iwassal għal trasferimenti sostanzjali u ta' tkabbir minn operaturi bi traffiku 'l barra għal operaturi bi traffiku 'l ġewwa jekk il-limiti tar-roaming bl-ingrossa huma miżmuma fil-livell tal-lum.

Kif spjegat fil-qosor fit-taqsim 2.4 hawn fuq, mhuwiex mistenni li din il-kwistjoni tkun solvuta minn effett uniku, unidirezjonali, pożittiv tal-obbligu tar-RLAH fuq il-kompetizzjoni tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa. Huwa improbabli li l-volumi tar-RLAH waħedhom ser jikkontribwixxu għal tnaqqis ġenerali tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa ta' daqs li ser inaqas l-ispejjeż tar-RLAH għal livell sostenibbli, speċjalment għal pajjiżi fejn din l-ispejjeż hija għolja

³⁰ Ara t-taqsim 7 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, ta' akkompanjament.

³¹ Ara t-taqsim 6.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt, ta' akkompanjament.

meta mqabbla mad-dħul domestiku. Mudelli ta' kummerċ u dinamiċi tan-negożjar ġodda fost l-operaturi jistgħu jevolvu mal-istabbiliment tar-RLAH. Madankollu, hemm riskju li l-pożizzjoni ta' negożjar ta' dak li jibgħat it-traffiku tar-roaming, inkluż il-parteċipanti tas-suq aktar dgħajfa fuq swieq tar-roaming bl-ingrossa, fil-fatt tiddeterjora aktar minħabba l-obbligi li r-RLAH ikun impost. Fin-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, dan ir-riskju ma jistax ikun eskluż. Fl-istess ħin, huwa leġittimu għall-istabbiliment ta' limiti ta' salvagwardja fil-livell li jippermetti lill-operaturi b'kopertura akbar tal-Unjoni jew b'volumi akbar ta' traffiku sabiex jiksibu vantaġġi kummerċjali mill-possibbiltà tal-internalizzar tal-ispejjeż fi ħdan il-grupp jew min-negożjar ta' termini aħjar ma' operaturi miżjura li għandhom xi marġini għan-negożjar fir-rigward tal-ispejjeż sottostanti tan-netwerk tagħhom.

Bħala konklużjoni, it-tnedija tar-RLAH fl-Unjoni fl-2017, filwaqt li tinżamm is-sostennibbiltà tal-mudelli tat-tariffi domestiċi għal kull jew virtwalment għall-operaturi kollha, teħtieġ aktar regolazzjoni tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa sabiex iwasslu tariffi aktar baxxi mil-lum. Billi jiġi pprovdut punt ta' tluq aktar baxx għan-negożjati, il-limiti aktar baxxi huma mistennija li jwasslu tariffi tas-suq bl-ingrossa aktar baxxi mil-lum.

Perspettiva tas-suq miżjur

Fir-rigward tar-riskji għall-kompetizzjoni u l-inċentivi tal-investiment fi swieq miżjura, il-funzjonament tas-swieq tar-roaming għandu jiżgura rkupru tal-ispiża. Dan sabiex jippreserva l-inċentivi għall-investiment f'networks miżjura u jevita distorsjoni tal-kompetizzjoni domestika fis-swieq miżjura kkawżati minn arbitraġġ regolatorju ta' operaturi li jużaw rimedji għall-aċċess tar-roaming sabiex jikkompetu fis-swieq domestiċi miżjura li barra minn hekk huma kompetittivi.

Dwar l-ewwel aspekk, l-istimi tal-ispiża u l-informazzjoni miġbura fuq il-prezzijiet bl-ingrossa attwali fis-suq juru li t-tariffi tar-roaming bl-ingrossa attwali huma ferm ogħla mill-ispejjeż sottostanti, b'mod partikolari għas-servizzi tad-dejta.

Rigward ir-riskju ta' arbitraġġ regolatorju, wieħed għandu l-ewwel iqis li l-operaturi miżjura tingħatalhom is-setgħa li jinkludu kundizzjonijiet sabiex jipprevjenu roaming permanenti jew użu anormali jew abbużiv ta' aċċess tar-roaming bl-ingrossa abbażi tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament dwar ir-Roaming. F'dan l-aħħar rigward, it-termini kuntrattwali fi ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa jistgħu jintużaw sabiex jiskoraġġixxu prattiki bħal dawn; ġeneralment dan isir billi jiġi eskluż roaming permanenti minn kwalunkwe skont fil-prezz. Għaldaqstant l-eżistenza ta' differenza bejn tariffi tar-roaming bl-ingrossa bi skont u mhux bi skont, u għalhekk bejn it-tariffi massimi u l-prezzijiet possibbilment negożjati, hija element kruċjali li tippermetti lill-operaturi sabiex jikkontrollaw prattiki bħal dawn. F'dan il-każ ukoll, il-miżuri proposti ġew ivvalutati kontra dan ir-riskju u l-miżuri possibbli disponibbli sabiex inaqqsu dan ir-riskju.

Bħala konklużjoni, hemm ambitu għal aktar tnaqqis tal-limiti tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa mil-livell attwali, b'mod partikolari għas-servizzi tad-dejta, filwaqt li l-limiti jinżammu ogħla mill-ispejjeż sottostanti fil-pajjiżi kollha.

Limiti tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa tal-Unjoni ġodda

Fil-valutazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu r-RLAH fl-2017, il-Kummissjoni qieset l-għanijiet tal-politika stabbiliti fir-Regolament dwar ir-Roaming:

- i. li tkun tista' ssir it-tneħħija tal-ħlas addizzjonali tar-roaming bl-imnut għal kull, jew virtwalment kull, operatur fl-Unjoni, u li tiġi evitata d-distorsjoni fis-swieq domestiċi;
- ii. li jiġi żgurat irkupru tal-ispiża fil-livell tal-ingrossa, jiġu ppriservati l-inċentivi għall-investiment f'networks miżjura u tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni domestika fis-swieq miżjura.

Għaldaqstant il-Kummissjoni fittxet li tnaqqas il-każijiet possibbli fejn l-operaturi jiddependu fuq il-possibbiltà li jiksibu deroga għal raġunijiet ta' sostennibbiltà billi jnaqqsu l-livell tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni, filwaqt li jżommu l-limiti ogħla mill-ispejjeż sottostanti fil-pajjiżi kollha (ara t-taqsima 2.2).

Id-deroga tal-valutazzjoni tas-sostennibbiltà prevista fl-Artikolu 6c tar-Regolament dwar ir-Roaming hija bbażata fuq żewġ testijiet:

- stima fuq il-livell tal-pajjiż tal-ispiża medja tar-RLAH għall-fornituri tar-roaming bl-imnut (operaturi domestiċi) meta mqabbla mad-dħul domestiku medju tagħhom;
- test tas-sostennibbiltà fil-livell tal-operatur (domestiku)³².

Iż-żewġ testijiet, abbażi ta' settijiet parzjalment differenti ta' dejta disponibbli, huma testijiet kumplimentari u indikattivi dwar il-livell ta' sostennibilità tal-mudelli tat-tariffi domestiċi bit-tariffi tar-roaming bl-ingrossa inklużi fil-proposta. It-test fil-livell tal-operatur b'mod partikolari mhuwiex intiż li jkun tbassir preċiż tal-għadd attwali ta' derogi ta' sostennibbiltà possibbli. Dawn iridu jiġu vvalutati mill-ARN b'haġna aktar dejta mill-operaturi li fil-fatt ser japplikaw għal deroga milli attwalment hemm disponibbli lill-Kummissjoni, u abbażi ta' metodu li għandu jiġi stabbilit aktar f'att ta' implimentazzjoni li ġej.

B'riżultat ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi t-tariffi regolati massimi tar-roaming bl-ingrossa għal 4 €/min, 1 €/SMS u 0.85 €/MB. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan il-livell:

- jassigura l-irkupru tal-ispejjeż tal-għoti tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa minn operaturi miżjura;
- iħalli spazju għal kompetizzjoni taħt il-limitu;
- iżomm l-inċentivi tal-investiment fis-swieq miżjura;
- jista' jaġixxi bħala salvagwardja kontra roaming permanenti jew użu anormalu jew abbużiv ta' aċċess tar-roaming bl-ingrossa u d-distorsjoni tas-suq nazzjonali li jista' jirriżulta.

Fuq in-naħa tal-bejgħ bl-imnut, dan il-livell ta' tariffi għandu jippermetti r-RLAH li jkun fornut b'mod sostenibbli b'virtwalment l-operaturi kollha fl-Unjoni, inkluż l-operaturi b'inqas saħħa tan-negozjar fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa. Fl-istess ħin, l-operaturi b'firxa aktar wiesgħa fl-Unjoni mhux ser jiċċaħħdu mill-possibbiltà li jiksibu vantaġġi minn din l-istrateġija kummerċjali.

Miżuri addizzjonali

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tippermetti lill-operaturi miżjura u lill-operaturi viżitaturi sabiex flimkien jaqblu li ma jipparteċipawx fil-limitu regolat favur livell mhux regolat, eż.

³² Abbażi tad-dejta tal-operaturi miġbura fil-ħarifa tal-2015 f'kollaborazzjoni mal-BEREC għar-rieżami tar-roaming bl-ingrossa.

ipprezzar abbażi tal-kapaċità jew kwalunkwe metodu ieħor ta' pprezzar. L-analiżi turi li dan jista' jgħib impatt pożittiv għas-suq tar-roaming bl-ingrossa, b'mod partikolari fil-fażi inizjali tar-RLAH meta hemm inċertezza dwar l-evoluzzjoni tad-domanda.

Finalment, ir-regolazzjoni tal-prezz speċifiku applikabbli għar-roaming tinvolvi li limitu ġenerali tal-Unjoni japplika għal prodott kompost li jista' wkoll jinkludi aċċess bl-ingrossa ieħor u inputs ta' interkonnnessjoni, inkluż b'mod partikolari dawk soġġetti għal regolazzjoni nazzjonali jew, potenzjalment transkonfinali. F'dan ir-rigward id-diverġenzi madwar l-Unjoni fir-regolazzjoni ta' dan id-dħul huma previsti li jonqsu, b'mod partikolari permezz tal-prospett ta' miżuri addizzjonali meqjusa skont id-Direttiva Qafas li għandhom l-għan li jiżguraw konsistenza akbar ta' approċi regolatorji. Fil-frattemp, kwalunkwe tilwima bejn l-operaturi tan-netwerk miżjura u operaturi oħrajn dwar ir-rati applikati għal dawk l-inputs regolati meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa għandha tkun indirizzata filwaqt li titqies l-opinjoni li għandha tinħareġ mill-BEREC, skont l-obbligi regolatorji speċifiċi applikabbli għar-roaming, id-Direttiva Qafas u d-Direttivi Speċifiċi.

Rieżami

Il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel rieżami tal-miżuri adottati mill-koleġiżlaturi sentejn wara l-15 ta' Ġunju 2017 u sabiex tagħti s-setgħa lill-BEREC sabiex jiġbor id-dejta meħtieġa għal dak ir-rieżami.

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jilhq u ftehim dwar il-proposta fl-iqsar żmien possibbli sabiex il-konsumaturi tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet mobbli jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-RLAH mill-15 ta' Ġunju 2017. Dan huwa importanti sabiex jintlaħqu l-aspettattivi tal-pubbliku u jiġi żgurat li l-UE tkompli twassal riżultati konkreti lilhom.